**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2015 – EMA vs Drakeford**

**(Kawża T-231/14 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kuntratt għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat — Ġurisdizzjoni sħiħa")***

(2015/C 363/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: T. Jabłoński u N. Rampal Olmedo, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

*Appellat:* David Drakeford (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Intervenjenti insostenn tal-appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti); L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä u E. Maurage, aġenti); L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex) (rappreżentanti: H. Caniard u V. Peres de Almeida, aġenti); L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) (rappreżentanti: D. Detken, S. Gabbi u C. Pintado, aġenti); u Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: J. Mannheim u A. Daume, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Frar 2014, Drakeford vs EMA (F-29/13, ĠabraSP, EU:F:2014:10), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tal-5 ta' Frar 2014, Drakeford vs EMA (F-29/13, EU:F:2014:10), hija annullata sa fejn f'dik is-sentenza t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku eżerċita s-setgħa ta' ġurisdizzjoni sħiħa tiegħu fil-qasam pekunjarju għall-perijodu ta' wara l-għoti ta' dik is-sentenza.*

2) *Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.*

3) *Il-kawża hija rrinvijata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.*

4) *L-ispejjeż huma rriżervati għal David Drakeford u għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA).*

5) *Il-Kummissjoni Ewropea, L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex), L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kontroll tal-Mard (ECDC) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati ma' din l-istanza.*

([1]) ĠU C 202, 30.06.2014.